MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 28/2005

Kawza fil-lista: 32

**A B**
**vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fit-3 ta' Awwissu 1986, fil-Knisja Parrokkjali tan-Nadur, Ghawdex, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok. A;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalihom illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Peress illi inoltre, il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb ukoll b'qerq dwar kwalita tal-parti l-ohra illi setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Peress illi ulterjorment, il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inghata b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Peress illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975;

Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar it-3 ta' Awwissu 1986, bhala null u bla effett fil-Ligi, ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet illi hija taqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null u bla effett, imma dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-3 ta’ Awissu 1986 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Mill-kumpless tal-provi rrizulta li fit-3 ta’ Awissu 1986 l-attur li f’ dak iz-zmien kien ta’ nazzjonalita’ Taljana, izzewweg lill-konvenuta li kienet tghix Ghawdex, u dan wara gherusija ta’ circa 4 snin. Jidher car li dan iz-zwieg sfaxxa mill-punto di partenza tieghu ghar-raguni imputabbli unikament lill-attur peress li dana kien jiffrekwenta nisa ohra, kemm waqt l-gherusija, kif ukoll wara z-zwieg tieghu mal-konvenuta u anki ftit taz-zmien wara d-data taz-zwieg. Dan il-fatt gie ukoll ammess mill-istess attur, u mill-provi rrizulta sodisfacentement provat dak allegat minnu li anke fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu “qatt ma kelli l-ebda intenzjoni meta zzewwift lil Cli nkun fidil lejha.” [Fol.16]. Dan jinsab konfermat mill-provi u anke mix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Ghalhekk fil-kaz in disamina l-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fl-paragrafu [f] konsistenti fl-eskluzjoni b’ att posittiv tal-volonta’ ta’ l-attur ta’ l-obbligu tal-fedelta’ fiz-zwieg li huwa wiehed mill-obbligi matrimonjali essenzjali. Barra minnhekk il-fatt li qabel iz-zwieg l-attur kien heba din il-parti tal-karattru tieghu mill-konvenuta jikkostitwixxi ingann fuq kwalita’ tieghu li fixklet serjament il-hajja konjugali bejnu u bejn martu l-konvenuta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici ghan-nullita’ taz-zwieg bejn il-partijiet hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt:fil-fatt ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attur, u fid-dritt in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [c] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba attrici fis-sens li tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti

fit-3 ta' Awwissu 1986[1]. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-31 ta' Mejju 2006.